Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can).

**Appell Numru: 383/14.**

**Il-Pulizija**

**Spettur Victor Aquilina**

**vs**

**Joseph Anthony Cini**

Illum, 25 ta' April, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Anthony Cini u cioe' pussess tad-droga Eroina, pusess tad-droga Eroina mhux ghall-uzu esklussiv tieghu, prokurar tad-droga Eroina u dan f'dawn il-gzejjer fl-14 ta' Settembru, 2007 u fit-tlett xhur ta' qabel u rat l-atti kollha ta-process.

Rat illi l-appellant fuq ammissjoni tieghu stess instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Krimianli b'sentenza taghha tad-29 ta' Settembru 2014 u gie kkundannat piena ta' hdax-il xahar prigunerija effettivi u kien ghalhekk illi nterpona appell fir-rigward tal-piena inflitta.

Illi dan l-appell ilu pendenti ghall-erba' snin u nofs u ftit li xejn gie registrat progress u dan ghaleix irid jerga' jigi trattat mill-gdid minkejja li l-partijiet kienu ttrattaw dan il-kaz quddiem din il-Qorti diversament preseduta nhar it-23 ta' Frar 2016.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti odjern datat 28 ta' Frar, 2019 prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fejn ippremetta li hemm cirkostanzi li jiggustifikaw lil din il-Qorti tassumi l-

funzjoni ta' Qorti dwar id-drogi kif kontemplata fl-artikolu 8 tal-kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in effetti jigi rilevat illi dan il-kaz sehh fl-2007 meta l-esponent kellu dipendenza qawwija u medika fuq id-droga in kwistjoni. Fil-fatt ghandu jigi rilevat illi anke illum l-esponent qieghed jipprova ifittex ghajnuna biex jgheleb dan il-vizzju. Fil-fatt l-esponent sejjer jibda program ta' rihabilitazzjoni gewwa l-Caritas.

Illi apparti dawn il-proceduri l-esponent m'ghandu l-ebda proceduri ohra pendenti.

Ghalhekk talab lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha wara li tisma s-sottomissjonijiet maghmula f'isem l-esponent u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma kull xhud li tqis bhala necessarju li jinstema inkluz l-esponent u wara li tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabsu bid-Droga, tohrog digriet li permezz tieghu tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u dan kif kontemplat fl-artikolu 8 tal-kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Marzu 2019 fejn ordnat lill-avukat difensur tal-appellant sabiex f'hamest ijiem jipprezenta nota bix-xhieda in sostenn tat-talba tieghu.

Illi nhar it-13 ta' Marzu, 2019 l-appellant ipprezenta nota u indika bhala xhieda lil certu Leon mill-Caritas, Dr Joe Tonna mid-Detox u l-probation officer Marilyn Formosa.

Semghet lix-xhieda ta' Dr Joe Tonna, l-Probation Officer u lil Noel Cassar in rappresentanza tal-Caritas jixhed u dan fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2019.

Semghet lill-partijeit jittrattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat,

Illi ghalhekk dan hu digriet limitatament dwar it-talba tal-appellant maghmula nhar is-6 ta' Marzu 2018, dehret l-avukat difensur tal-imputat u talbet li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi sabiex dan isir din il-Qorti trid l-ewwel tara li l-akkuzi li bihom gie akkuzat l-imputat jaqghu fil-parametri ta' l-istess Artikolu 8 (2) u cioe' li l-imputat gie akkuzat b':-

*(a) reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li biha l-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li biha l-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv (li mhux il-kaz);*

*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga (li skond ix-xhieda ta' l-ex spettur Anthony Portelli u l-Probation Officer Carmen Nygard jidher li dan hu l-kaz klassiku).*

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) (a) huma sodisfatti.

Ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Avukat Generali joggezzjona ghal tali talba ghaliex fil-fehma tieghu mal-appellant ma weriex bizzejjed motivazzjoni biex jirrabiltia ruhu, thoss li ghandha tifli x-xhieda msimugha qabel ma tippronunzja ruhha dwar din l-istess talba jekk ghandhiex tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Ikkunsidrat.

Illi l-ewwel li xehed kien **Dr Joseph Tonna** li kkonferma li l-appellant ilu pazjent tieghu ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena u dan minhabba l-vizju li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga Kokaina u Eroina. Spjega li huwa beda jarah minn Settembru 1997 pero' kien gia registrat bhala pazjent mad-Detox sitt xhur qabel. Qal li l-appellant kien hadha bi kbira hafna meta marad missieru u zijuh u kien ghalhekk ifittex id-droga bhala escapism. Qal ukoll li kien hem perijodu ghalkemm qosra fejn l-appelant wera x-xewqa li jieqaf mnn dan il-vizzju ghalkemm qatt ma irnexxilu. Qal li fil-fatt kellu motivazzjoni tant li anke perijodu clean kien ghamel. Qatt ma ghamel uzu mill-labar meta ha l-Eroina minkejja dan il-vizzju qawwi li ilu fuqu ghoxrin sena.

Qal li l-appellant dejjem ikkopera maghhom u qatt ma tahom trouble. Qal li l-appellant imur id-Detox kuljum jiehu l-methadone li hu gholi 100mg daily. U biex tinzel din id-doza trid iz-zmien peress illi l-appellant ilu b'dan il-vizju. Spjega li fil-Caritas ma tistax

tidhol b'doza ta' methadone ta' 100mg kuljum. Din trid tinzel minhabba il-persuni li gia jkunu bdew dan il-kros ta' riabiltiazzjoni.

Qal li jaf li ta xi samples tal-urine tieghu ricentement u taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga.

Xehet il-**Probation Officer Marylyn Attard** u spjegat li bdiet issegwi lill-appellant wara li kien inghata sentenza ta' prigunerija sospiza fid-9 ta' Jannar 2019. Qal li minn daknhar 'l hawn l-appellant ta' tlett samples ta' awrina u dan fil-25 ta' Frar, 2019, fis-7 ta' Marzu 2019 u fit-22 ta' Marzu 2019 izda dawn kollha taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Qalet li hija konxja tal-fatt li l-appellant qed juri xewtu li ibiddel hajtu u jieqaf jiehu d-drogi pero' ghadu kmieni wisq biex tkun certa dwar din il-motivazzjoni tieghu. Qalet li l-ewwel trid tinzel id-doza tal-methadone qabel ma tista' tibda tippreparah biex isegwi kors ta' riabiltiajzoni residenzjali.

Xehed **Noel Cassar** rappresentant tal-Caritas u spjega illi l-appellant attenda l-Caritas nhar it-8 ta' Marzu 2019 gie ghal-session. Dakinhar ta ukoll kampjun tal-awrina pero' rizultat ta' dan it-test ma kellux. Qal li l-pjan tal-appllant fil-present hu wiehed li jattedni ghal-laqghat individwali ta' kull gimgha sabiex jinghata s-support biex izomm il-boghod mit-tehid ta' droga. Ma kellu l-ebda rizultat x'jaghti lil-Qorti. Qal li qabel bejn Jannar 2012 u Ottubru 2012 kien jattendi ghas-servizzi tal-komunita' Caritas izda ftit li xejn gie registrat progress.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost jidher bic-car li l-appellant verament ghandu problema ta' abbuz ta' droga li ilha fuqu ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena zgur u anke qabel ma gew kommessi ir-reati mertu ta' dan l-appell. Jidher tajjeb jew hazin li ricentement l-appellant intebah li jrid jew ahjar jixtieq ibiddel trieqtu u jzomm 'l boghod minn tali dependenza. Illi pero' din il-Qorti m'hix konvinta minn tali rieda tajba u trid iz-zmein sabiex tali talba tigi valutata. Ma thossx li tista' taghmel l-apprezzament dwar il-motivazzjoni tieghu stante li jidher li hu kmieni wisq.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti sejra zzomm dan l-appell haj billi taghti kull opportunita' lill-appellant sabiex jghamel l-almu tieghu biex izomm 'l boghod mid-drogi. Hija qeda tissolecita lil Probation Officer sabiex b'mod inaspettat tiehu kampjuni tal-awrina tieghu u dan regolari u tidher quddiem din il-Qorti kull xahrejn sabiex tispjega il-progress tieghu. Jekk il-Qori tara li fi zmien tmien xhur gie registrat progress

din il-Qorti imbaghad tasal biex tiddekreta dan ir-rikros fit-terminu tal-Kapitolu 537. Fil-present ghalhekk hija qeda tirriserva li tipprovdi dwaru fi stadju ulterjuri.

Nelfrattemp sejra tiddiferixxi l-kawza sabiex jigi registrat il-progress o′ meno tal-appellant u ghalhekk tordna li ghal kul seduta li tinzamm m′illum il-quddiem tigi imharrka l-Probation Offier li ghadnha ggib maghha up-date tal-kaz.

Il-Qorti tordna li dan id-digriet jigi ukoll komunikat lil Porbation Officer Maryln Attard.

(ft) Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur